

31999D0310

L 119/57

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

7.5.1999

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****tat-23 ta' April 1999****dwar regolament komuni tekniku għal tagħmir ta' telekomunikazzjonijiet diġitali imsaħħaħ mingħajr fil (DECT) li jaċċessa networks diġitali ta' servizzi ntegrati (ISDN)**

(notifikat bid-dokument numru K (1999) 999)

**(Test b'relevanza ŻEE)**

(1999/310/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 98/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 1998 li tirrelata mat-tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u tagħmir ta' stazzjon terrestri tasatellita, inkluż r-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari Artikolu 7(2), it-tieni inċiż tiegħu,

- (1) Billi l-Kummissjoni adottat il-miżura li tidentifika t-tip ta' tagħmir terminali li għalih regolament tekniku komuni huwa meħtieġ, kif ukoll dikjarazzjoni dwar il-qasam ta' l-applikazzjoni assoċjat miegħu skond Artikolu 7(2), l-ewwel inċiż,
- (2) Billi l-istandards armonizzati li jikkorrispondu, jew partijiet minnhom, li jimplementaw il-ħtiġijiet essenzjali li għandhom jiġu mibdula f'regolamenti tekniċi komuni għandhom jiġu adottati;
- (3) Billi biex tiġi żgurata konformità fl-aċċess għas-swieq mill-manifatturi, huwa meħtieġ li jiġu permessi arranġamenti tranżitorji dwar tagħmir approvat skond ir-regolamenti tal-approvazzjoni tat-tip nazzjonali;
- (4) Billi l-proposta kienet intbagħtet lill-Kumitat tal-Approvazzjonijiet għal Tagħmir ta' Telekomunikazzjonijiet (ACTE), skond Artikolu 29(2) tad-Direttiva 98/13/KE;
- (5) Billi r-regolament tekniku komuni li għandu jiġi adottat minn din id-Deċiżjoni jaqbel ma' l-opinjoni ta' l-ACTE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għal tagħmir terminali maħsub biex jiġi konness ma' network pubbliku ta' telekomunikazzjonijiet u li jaqa' fil-qasam ta' l-applikazzjoni ta' l-istandard armonizzat riferit f'Artikolu 2(1).

<sup>(1)</sup> ĠU L 74, tat-12.03.1998, p. 1.

2. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi regolament tekniku komuni li jkopri il-ħtiġijiet ta' konnessjoni għal tagħmir DECT li jaċċessa l-ISDN.

*Artikolu 2*

1. Dan ir-regolament tekniku komuni għandu jinkludi standard armonizzat imħejji mill-korp ta' standardizzazzjoni rilevanti li jimplementa sal-limitu applikabbli l-ħtiġijiet essenzjali li għalihom jirreferi Artikolu 5(ċ), sa (ġ) tad-Direttiva 98/13/KEE. Ir-riferenzi għall-istandard huma mniżżla f'Anness I, bl-eċċezzjoni tal-ħtiġijiet elenkati f'Anness II.

2. It-tagħmir terminali kopert b'din id-Deċiżjoni għandu jikkonforma jew mar-regolament komuni tekniku riferit fil-paragrafu 1 jew alternattivament għandu jikkonforma mar-regolamenti komuni tekniċi kif definiti fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 98/515/KE<sup>(2)</sup> u 97/523/KE<sup>(3)</sup>. B'żieda ma' dan irid jilħaq il-ħtiġijiet essenzjali riferuti f'Artikolu 5(a) u (b) tad-Direttiva 98/13/KEE, u għandu jilħaq il-ħtiġijiet ta' kull Direttiva oħra applikabbli, partikolarment id-Direttivi tal-Kunsill 73/23/KEE<sup>(4)</sup> u 89/336/KEE<sup>(5)</sup>.

*Artikolu 3*

Korpi notifikati ntiżi biex iwettqu il-proċeduri li għalihom jirreferi Artikolu 10 tad-Direttiva 98/13/KEE għandhom, fir-rigward ta' tagħmir terminali kopert b'Artikolu 1(1) ta' din id-Deċiżjoni, jużaw jew jiżguraw li jiġi wżat l-istandard armonizzat riferit f'Anness I jew alternattivament l-istandard armonizzat riferit fl-Annessi li jinsabu mad-Deċiżjonijiet 98/515/KE u 97/523/KE.

<sup>(2)</sup> ĠU L 232, tad-19.08.1998, p. 7.

<sup>(3)</sup> ĠU L 215, 07.08.1997, p. 48.

<sup>(4)</sup> ĠU L 77, tas-26.03.1973, p. 29.

<sup>(5)</sup> ĠU L 139, tat-23.05.1989, p. 19.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' April 1999.

*Għall-Kummissjoni*

Martin BANGEMANN

*Membri tal-Kummissjoni*

---

## ANNEX I

**Riferenza għall-istandard armonizzat applikabbli**

L-istandard armonizzat li għalih jirreferi Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni huwa:

(Telekomunikazzjonijiet diġitali msaħħa mingħajr fil (DECT); network diġitali ta' servizzi integrati (ISDN); ħtiġijiet tat-tqabbid għal tagħmir terminali għall-profil ta' applikazzjonijiet *interworking* għad-DECT/ISDN)

ETSI

Istitut għall-Istandards tat-Telekommunikazzjonijiet Ewropew

Segretarjat ETSI

TBR8 - Ġunju 1998

**Tagħrif addizzjonali:**

L-Istitut Ewropew ta' l-Istandards tat-Telekomunikazzjonijiet huwa rikonoxxut skond id-Direttiva tal-Kunsill 98/34/KEE <sup>(1)</sup>.

L-istandard armonizzat riferit hawn fuq kien ġie armonizzat skond il-Mandat maħruġ skond il-proċeduri rilevanti tad-Direttiva tal-Kunsill 98/34/KEE.

It-test sħiħ tal-istandard armonizzat riferit hawn fuq jista' jinkiseb mill

*European Telecommunications Standards Institute,  
650, route des Lucioles,  
F-06921 Sophia Antipolis Cedex*

jew

*Kummissjoni Ewropea  
DG XIII/A/2 - (BU 31 1/7),  
Rue de la Loi/Wetstraat 200,  
B-1049 Brussels,*

jew minn kull organizzazzjoni oħra responsabbli li tagħmel l-istandards ta' l-ETSI disponibbli, li tagħhom lista tista tinstab fuq l-Internet fl-indirizz [www.ispo.cec.be](http://www.ispo.cec.be).

---

(<sup>1</sup>) ĠU L 204, tal-21.07.1998, p. 37.

## ANNEX II

**Partijiet tat-TBR 40, li mhumiex applikabbli**

Riferenza TBR		
[20], 5.2.2.1	[20], 5.2.2.3	[20], 5.2.2.4
[20], 5.2.2.6	[21], 4.1.6	[21], 4.1.10
[20], 5.2.4.1		